

- 6) Liema proprjetajiet fiżiko-kimiċi ta' merkanzija li għandha tiġi kklassifikata huma determinanti għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni korretta tal-Kodiċi 1518 00 31 u 1517 90 91 tan-NM tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana?
- 7) Il-Kodiċi 1518 00 31 tan-NM tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, għandu jiġi applikat għal merkanzija li tippreżenta proprjetajiet fiżiko-kimiċi bħal dawk li ġew ikkonstatati f'din il-kawża?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 2, Vol. 2, p. 382

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fil-25 ta' Mejju 2015  
– proċeduri kriminali kontra Niculaie Aurel Bob-Dogi**

**(Kawża C-241/15)**

**(2015/C 245/15)**

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Parti fil-kawża prinċipali**

Niculaie Aurel Bob-Dogi

**Domandi preliminari**

- 1) Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas [2002/584/ĠAI]<sup>(1)</sup>, l-espressjoni “eżistenza ta' mandat ta' arrest”, għandha tintiehem bħala li tirreferi għal mandat ta' arrest nazzjonali – intern – maħruġ konformement mad-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Istat Membru emittenti, jiġifieri differenti mill-mandat ta' arrest Ewropew?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-ineżiżtenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali – intern – tikkostitwixxi raġuni impliċita għal nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenza bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 19, Vol. 6, p. 34).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-28 ta' Mejju 2015 –  
Wind 1014 GmbH, Kurt Daell vs Skatteministeriet**

**(Kawża C-249/15)**

**(2015/C 245/16)**

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Østre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Wind 1014 GmbH, Kurt Daell

Konvenut: Skatteministeriet